

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1477/2007**tat-13 ta' Diċembru 2007**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implementati l-standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2320/2002 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skond ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, il-Kummissjoni mitluba tadotta miżuri biex jiġu implementati l-standards bażiċi komuni tas-sigurtà fl-avjazzjoni fil-Komunità kollha. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 ta' l-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implementati l-standards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni (²) kien l-ewwel att li jistabbilixxi miżuri bħal dawn.
- (2) Il-miżuri pprovduti bir-Regolament (KE) Nru 622/2003 dwar ir-restrizzjoni ta' likwidati ttrasportati minn passiġġieri li jaslu fuq titjuriet minn pajjiżi terzi u li jittrasferixxu fajruporti Komunitarji huma soġġetti għal reviżjoni fid-dawl ta' żviluppi tekniċi, implikazzjonijiet operattivi fl-ajruporti u l-impatt fuq il-passiġġieri.
- (3) Minn reviżjoni bħal din deher li restrizzjonijiet fuq likwidati ttrasportati minn passiġġieri li jaslu fuq titjuriet minn pajjiżi terzi u li jittrasferixxu fajruporti Komunitarji joħolqu diffikultajiet operattivi fdawn l-ajruporti u jikk-ġunaw inkonvenjenza għall-passiġġieri kkonċernati.

(4) B'mod partikolari, il-Kummissjoni vverifikat ċerti standards tas-sigurtà fajruport fpajjiż terz u sabet li kienu sodisfaċenti, u li dak il-pajjiż għandu mgħoddi b'rīzultati tajbin f'dak li jirrigwarda l-kooperazzjoni mal-Komunità u l-Istati Membri tagħha. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet tieħu passi biex ittaff l-problemi identifikati hawn fuq, fil-każ ta' passiġġieri li jġorru likwidati miksuba minn dak l-ajruport.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandu jiġi emendat skond dan.

(6) Il-miżuri f'dan ir-Regolament mhumiex inklużi fost dawk li, f'konformità ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2320/2002, għandhom ikunu sigreti u mhux ippubblikati.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ċivili,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**Artikolu 1**

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 622/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament m'għandux japplika fir-rigward tan-natura kufidenzjali ta' dan l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Viċċi President

(¹) ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 849/2004 (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 1).

(²) ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 915/2007 (ĠU L 200, 1.8.2007, p. 3).

ANNESS

L-Hemża 3 għandha tinbidel b'li ġej:

"*Hemża 3*

Ir-Repubblika ta' Singapor

L-Ajruport ta' Changi"
